



2024/2966

28.11.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2966

tal-21 ta' Novembru 2024

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda, fir-rigward ta' deċiżjoni li tikkonċerna l-emenda tal-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim fir-rigward tal-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji u r-Regoli tal-orijini tranżitorji

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2842/72 ⁽¹⁾ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 1973.
- (2) Skont l-Artikolu 30 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt stabbilit skont dak l-Artikolu (il-"Kumitat Konġunt") jista' jieħu deċiżjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim.. Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.
- (3) Fil-laqgħa tiegħu li jmiss, il-Kumitat Konġunt għandu jieħu deċiżjoni dwar emenda tal-Protokoll 3 tal-Ftehim.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ser ikollha effetti legali.
- (5) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji (il-"Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE ⁽²⁾ u daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2012. Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/2198 ⁽³⁾, il-Kunsill appoġġa l-emenda tal-Konvenzjoni li tipprevedi sett ġdid ta' regoli tal-orijini modernizzati u aktar flessibbli (l-"emenda tal-Konvenzjoni"). L-emenda tal-Konvenzjoni ser tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.
- (6) Fil-laqgħa teknika li saret fi Brussell fil-5 ta' Frar 2020, il-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni qablu li jimplimentaw sett alternattiv ta' regoli tal-orijini, abbażi tal-emenda tal-Konvenzjoni fuq bażi tranżitorja u bilaterali (ir-"Regoli tranżitorji"). Ir-Regoli tranżitorji japplikaw b'mod parallel mar-regoli tal-Konvenzjoni, sakemm tidħol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni.
- (7) L-applikazzjoni tar-Regoli tranżitorji b'mod parallel mar-regoli tal-Konvenzjoni tiżgura l-adattament tal-flussi kummerċjali u l-prattiki doganali sakemmidhol fis-seħħ l-emenda tal-Konvenzjoni.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KEE) Nru 2842/72 tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1972 li jikkonkludi l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u li jadotta d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tiegħu (ĠU L 301, 31.12.1972, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE tas-26 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L 54, 26.2.2013, p. 3).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2198 tal-25 ta' Novembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emenda tal-Konvenzjoni (ĠU L 339, 30.12.2019, p. 1).

- (8) Mill-1 ta' Settembru 2021, daħlu fis-seħħ għadd ta' protokoll bilaterali dwar ir-regoli tal-orijini fost diversi Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ⁽⁴⁾, li jagħmlu r-Regolitrantzitorji applikabbli. Fir-rigward tar-Repubblika tal-Iżlanda (l-"Iżlanda"), il-Protokoll 3 tal-Ftehim ġie sostitwit bi Protokoll 3 ġdid bid-Deċiżjoni Nru 1/2021 tal-Kumitat Konġunt UE-Iżlanda ⁽⁵⁾. Ir-Regoli tranżitorji huma inklużi fl-Appendiċi A ta' dak il-Protokoll 3 ġdid.
- (9) L-objettiv tar-Regoli tranżitorji huwa li jipprovdu regoli inqas stretti, li jagħmluha aktar faċli għall-oġġetti biex jikkwalifikaw għall-istatus oriġinarju preferenzjali. Peress li r-Regoli tranzitorjihuma, b'mod ġenerali, inqas stretti minn dawk tal-Konvenzjoni, l-oġġetti li jissodisfaw ir-regoli tal-orijini stabbiliti fil-Konvenzjoni jistgħu jikkwalifikaw ukoll bħala li joriġinaw skont ir-Regoli tranżitorji, bl-eċċezzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli kklassifikati fil-Kapitoli 2, 4 sa 15 u 16 (ħlief għall-prodotti tas-sajd ipproċessati) u l-Kapitoli 17 sa 24 tas-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni ta' Merkanzija. Ir-Regoli tranzitorjihuma applikabbli b'mod parallel mar-regoli tal-orijini stabbiliti fl-Konvenzjoni, u b'hekk joħlqu żewġ żoni distinti ta' akkumulazzjoni tal-orijini. F'dak il-kuntest, jista' jiġi li l-oġġetti jaqgħu taħt iż-żewġ settijiet ta' regoli tal-orijini simultanament. Skont il-prinċipju tal-permeabbiltà fl-Artikolu 21(1), il-punt (d), tal-Appendiċi A tal-Protokoll 3 tal-Ftehim ("permeabbiltà"), loġġetti li jkunu kisbu status oriġinarju skont sett wieħed ta' regoli tal-orijini, jistgħu jitqiesu ukoll bħala oriġinarji skont is-sett l-ieħor ta' regoli tal-orijini. Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni u r-Regoli tranżitorji, jenħtieġ li l-Artikolu 8 tal-Appendiċi A tal-Protokoll 3 tal-Ftehim jiġi emendat.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda (il-"Ftehim"), fil-laqgħa tiegħu li jmiss, fir-rigward ta' deċiżjoni li tikkonċerna l-emenda tal-Protokoll 3 tal-Ftehim fir-rigward tal-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji minn naħa waħda, u r-Regoli tal-orijini tranżitorji inklużi fl-Appendiċi A tal-Protokoll 3 tal-Ftehim min-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha u għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

SZIJJÁRTÓ P.

⁽⁴⁾ L-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Konfederazzjoni Żvizzera (inkluż il-Liechtenstein), ir-Renju tan-Norveġja, il-Gżejjer Faeroe, l-Istat tal-Iżrael, ir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, il-Palestina (din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni), ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Kosovo (din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo), ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, ir-Repubblika tas-Serbja, il-Montenegro, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna.

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1/2021 tal-Kumitat Konġunt UE-Iżlanda tas-16 ta' Lulju 2021 li temenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda billi tissostitwixxi l-Protokoll Nru 3 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (2021/1857) (ĠU L 381, 27.10.2021, p. 1).